**Minuti tal-Laqgħa nru 31 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa nhar il-Ħamis 1 ta' Ottubru 2009 fis-7.30 p.m.**

Il-Laqgħa bdiet fis-7.35 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt. Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.30 | 10.00 |
| Vi`i Sindku Josette Agius Decelis | 7.30 | 8.45 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.30 | 10.00 |
| Kunsillier Mario Sammut | Skużat | |
| Kunsillier Shirley Farrugia | Skużat | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30 | 10.00 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30 | 10.00 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.30 | 10.00 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.40 | 10.00 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Assenti | |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

1.00 Fil-bidu tal-laqgħa ġiet approvata mozzjoni ta' sospensjoni tar-regolamenti mressqa mis-Sindku u sekondata mill-Viċi Sindku sabiex Agenda Item 1,2 u 3 jitħallew għal-laqgħa oħra u issir biss agenda item Nru 4- Korrispondenza biss.

Din ġiet approvata unanimament u ġie deċiż li l-lista ta' korrispondenza li kienet tinkludi 62 ittra u email tigi trattata skond l-urġenza u għalhekk għandha tinqara l-ewwel l-aħħar email mibgħuta mis-Sinjura Gemma Debono tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li kienet tirrigwardja nfiq ta' fondi pubbliċi fuq attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-funzjoni statutorji tal-Kunsill. Wara din l-ittra ġie deċiż li titkompla l-lista tal-korrispondenza b'lura. Ġiet trattata korrispondenza minn numru 18 sa nru 62.

1.01 Id-deċiżjonijiet li ttieħdu huma skond skeda annessa ma dawn il-minuti għajr għall-Nru 62,61 58,55,46 u 39 li d-deċiżjoni tagħhom tidher hawn taħt:

## 2.00 Korrispondenza

2.01 Nru 62 – Inqrat ittra mingħand Gemma Debono tad-Dipartiment tal-Kunsilli li kopja tagħha tqassmet lill-Kunsilliera kollha. F'din l-ittra nġibdet l-attenzjoni tas-Sindku u tas-Segretarju li l-Kunsill kien qed jonfoq flus minn fondi pubbliċi fuq attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-funzjoni statutorji tal-Kunsill. Ġiet indikata li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill ilha prekarja sa mill-2008 u li kienet diġa nġibdet l-attenzjoni mid-Dipartiment dwar dan. Intqal wkoll li l-Kunsill ma jistax japprova nfiq ta' flus għall-BBQs, kantanti, Djs, Trasport u kiri ta' siġġijiet u mwejjed għall-attivitajiet bħal dik approvata fil-25 ta' Lulju 2009. Nġibdet l-attenzjoni ukoll dwar l-infiq €7,000 akbar minn dak approvat għall-Mosta Dome Festival. L-ittra tgħid ukoll li l-Kunsill għandu jagħti prijorita assoluta lill-funzjonijiet statutorji u kuntrattwali u dan sakemm il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill tkun waħda ta' bilanċ pożittiv ta' 10% kif tilob il-liġi.

Saret diskussjoni dwar din l-ittra . Is-Sindku qal li ma jistax jifhem kif id-Dipartiment qed jimxi hekk mal-Kunsill Lokali tal-Mosta meta tara li ħafna Kunsilli Lokali oħra jagħmlu attivitajiet simili u ferm akbar minn tal-Mosta. Huwa staqsa dawn minn fejn jġibu l-flus.

Tkellmu diversi Kunsilliera fosthom Mario Sammut, Kirby Fenech u Chris Grech li lkoll ilmentaw minn dan it-trattament tad-dipartiment lejn il-Kunsill Lokali tal-Mosta.

Minħabba l-gravita ta' din l-ittra ġie deċiż li l-Kunsill ma joħroġx flus għall-attivitajiet kif approvati fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Nru 30 li saret fl-~~1 ta' Ottubru~~ 2009 għajr għall xi ammonti żghar u li ma jkollomx impatt fuq il-finanzi tal-Kunsill. 23 ta' Settembru

Is-Sindku iddikjara li huwa kien ser jieħu azzjoni fuq din l-ittra ta' Gemma Debono u jara li tintbagħat risposta kif jixraq lid-Dipartiment.

**Ittra No 61 – Monument ta' Nicolo Isouard**

Inqrat ittra mill-Każin tal-Banda Nicolo Isouard dwar talba sabiex il-Kunsill jiffinanzja l-pedestal tal-bust ta' Nicolo'Isdouard fit-triq li ġġib l-istess isem kantuniera ma Triq il-Kostituzzjoni (quddiem showroom tal-Berk). Ġie approvat li jintefqu mhux iżjed minn €2330. Tinkiteb risposta f'dan is-sens u is-Soċjeta Nicolo Isoaurd għandhom jieħdu ħsieb ix-xogħol u permessi huma.

**Ittra No 58 Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ**

Inqrat ċirkulari mid-Dipartiment taż-Żgħażagħ (Ministru Clyde Puli) dwar programmi ġodda għaż-żgħażagħ u twaqif ta' Kunsilli taż-Żgħażagħ.

Intqal li dan jorbot mal-programm tal-Youth Empowerment Centre tal-Mosta kif immexxi mis-Sinjura Anna Grech li wkoll qed titlob li tiġi iċċarata il-pożizzjoni tagħha billi dan il-programm kien għalaq u l-Ministeru taż-Żgħażagħ ma għadux qed jiffinanzja minkejja li l-Kunsill kien baqa għaddej bil-programm a spejjes tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, kif jidher aktar il-fuq f'dawn il-minuti, wieħed irid jara minn fejn ser jiġu l-flus jew jekk għandux jibqa għaddej dan il-programm.

Tinkiteb ittra lid-Dipartiment għal parir tiegħu.

**Ittra Nru 55 – Invoice Huan Muscat**

Kont ta' ġebel għall pedestall ta' lapida fi Triq il-Kostituzzjoni għall- € 442.58. Ġie deċiż li dan il-kont huwa esaġerat u għandha titħallas biss is-somma ta' € 250,00.

**Ittra Nru 46 – MEPA Application No 0039/09**

Jintalbu aktar dettalji lill-MEPA dwar dan l-iżvilupp ta' żona residenzjali ġdida wara ċ-ċimiterju.

**Ittra Nru 39 – Gemma Debono (DLG) Re Periti**

Gemma Debono (Dipartiment tal-Kunsilli Lokali) talbet spjegazjoni dwar kundizzjonijiet fit-tender tal-Periti . Is-Sindku diġa kien irrisponda għall din l-ittra.

L-agenda ġiet eżawrita kollha.

Il-laqg]a spiċċat fil-10.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju E\ekuttiv |